# KNEJJES U KAPPELLI DEDIKATI LID-DULURI

## Il-Knisja ta' l-Addolorata gewwa Foggia.

Knisja sabiha dedikata lil Santa Marija Addolorata tinsab fil-pjazza li ggib l-istess isem, fic-centru storiku ta' Foggia. Il-bini li ghandu forma ellitika hu fuq stil barokk u gie mibni fis-sena 1741.

Il-faccata hija xoghol ta' l-arkitett naplitan Domenico Antonio Vaccaro. Ta' interess storiku u artistiku huwa l-orgni, opra tal-kompatriott foggian Giovanni Gallo.

Fic-centru tal-faccata tolqot hafna l-ghajn tieqa.

Meta wiehed jidhol gewwa l-knisja jista' jammira l-kwadri ta' San Filippu Neri u d-deposizzjoni ta' Kristu, it-tnejn opri ta' Vincenzo de Mita, is-Sagra Familja waqt moment ta' xoghol ta' Francesco Mura fil-waqt li l-Addolorata qalb il-qaddisin hija xoghol ta' awtur mhux maghruf. L-artal maggur huwa xoghol tas-17 il-seklu u l-konfessjonarji huma ta' pregju kbir.



